

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ġunju 2020 – FF&GB vs EUIPO (ONE-OFF)(Kawża T-707/19) ⁽¹⁾**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ONE-OFF – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2020/C 247/18)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: FF&GB Srl (Mantova, l-Italja) (rappreżentant: M. Locatelli, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. L. Capostagno, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Awwissu 2019 (Każ R 239/2019-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi ONE-OFF bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) FF&GB Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 413, 09.12.2019.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2020 – Dragnea vs Il-Kummissjoni(Kawża T-738/18) ⁽¹⁾**(“Rikors għal annullament – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Programm operattiv reġjonali Rumun 2007-2013 – Investigazzjonijiet esterni tal-OLAF – Rapporti finali u rakkomandazzjonijiet tal-OLAF – Deċiżjoni nazzjonali li tinbeda investigazzjoni kriminali – Rifjut tal-OLAF li tinbeda investigazzjoni fir-rigward tal-kondotta tal-investigaturi preċedenti – Rifjut ta' aċċess għall-fajl tal-investigazzjonijiet tal-OLAF – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà”)**

(2020/C 247/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Liviu Dragnea (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentanti: B. O'Connor, solicitor, u S. Gubel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) tal-1 ta' Ottubru 2018.